*Katina Karmelitana*

Nru. 28 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Jannar - April 2016

## Il-Ħniena

Nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru li għadda, festa tal-Kunċizzjoni, il-Papa Franġisku fetaħ il-bieb qaddis tal-Ħniena fil-Bażilika ta' San Piteru fil-Belt tal-Vatikan bħala s-simbolu tal-ftuħ tal-Ġublew tal-Ħniena t'Alla. F'Malta l-Arċisqof tagħna fetaħ il-bieb tal-Ħniena fil-Katidral tal-Imdina u ftit wara fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla u fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.



Aħna mistiedna sabiex matul dan il-Ġublew straordinarju ngħaddu minn wieħed minn dawn il-bibien. Naturalment il-mogħdija tagħna mill-bieb tal-ħniena għandha sinifikat qawwi ħafna għax il-Bieb ifisser Ġesù nnifsu li hu stess jgħidilna, "Jiena l-bieb tan-ngħaġ".

Il-Papa jfakkarna li Ġesù huwa l-wiċċ tal-Ħniena tal-Missier. Il-ħniena saret viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f'Ġesù ta' Nazaret. Il-festa tal-Milied li għadna kemm iċċelebrajna hija l-Festa tal-Ħniena ta' Alla li għoġbu jħenn għalina għax iħobbna u sar wieħed minna u ħa fuqu l-esperjenza kollha tagħna. Din is-sena speċjali trid tfakkarna li aħna msejħin biex din il-Ħniena ta' Alla induquha u nesperjenzawha.





Matul din is-sena rridu nkomplu nitolbu ħafna u naħdmu ħafna. Ir-Regola Karmelitana hija mibnija fuq it-talb u l-appostolat. Ma nistgħux ngħidu li nħobbu lil Ġesù u lil Madonna jekk ma nitolbux u ma naħdmux. It-Talb u l-Appostolat jagħmluna nies ta' veru.

Inħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem f'dak kollu li jiġi organizzat għalikom. Qed nirreferi għal-Laqgħat, Irtiri, Pellegrinaġġi u Attivitajiet oħra li norganizzaw minn żmien għall-ieħor. Nawguralkom li jkollna sena tajba mimlija mħabba lejn Ġesù u Marija.

**Patri Raymond Calleja O. Carm**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Nixtiqilkom sena ġdida mimlija hena, barka, riżq u paċi. Il-laqgħat qegħdin isiru nhar l-ewwel Tlieta tax-xahar. Nistednukom tieħdu sehem fl-irtiri li se jsiru matul dawn l-erba xhur. F'Marzu jibdew l-Erbgħat tal-Udejnza u bħal snin oħra nisperaw li naraw ħafna minnkom. Qegħdin niġbru l-abbonament tar-rivista 'Il-Karmelu'. Il-prezz huwa ta' €10 u min jixtieq jabbona għandu jkellem lili. Bħala Terzjarji għandna nkunu nies ta' talb, nisimgħu l-quddiesa, jekk jista jkun kuljum u nsibu ftit ħin quddiem Ġesu sagramentat.

Saħħa u l-Madonna tberikna.
**Carmen Farrugia**
**Segretarja**

## Programm għax-xhur Jannar – April 2016

### Laqgħat Marjani

- **It-Tlieta 5 ta' Jannar 2016**
- **It-Tlieta 2 ta' Frar 2016**
- **It-Tlieta 1 ta' Marzu 2016**
- **It-Tlieta 5 ta' April 2016**

Il-laqgħat jibdew fil-5:00pm fiċ-Ċentru Pastorali bir-reċita tar-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa. It-Terzjarji kollha huma fid-dmir li jattendu.

### Laqgħa Soċjali

Nhar l-**Erbgħa 13 ta' Jannar 2016** ser issir laqgħa soċjali għand Angelo, Buġibba. Nibdew bil-quddiesa u wara jkun hemm mit-tombla. Prezz €7 li jinkludi te jew kafe u trasport. It-trasport jitlaq fid-8:45am (disgħa neqsin kwart) mill-venda.

### Irtir ta' ġurnata tar-Randan

**Nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016** ser isir irtir ta' ġurnata għand il-membri Ulied Marija Ewkaristika f'Ħaż Żebbuġ. Il-trasport jitlaq minn ħdejn l-iskola fid-8:45am. Il-ħlas, li jinkludi te, l-ikla ta' nofsinhar u trasport huwa ta' €18.

### Nofs ta' nhar Irtir

**Nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016** ser isir nofs ta' nhar irtir f' St. Martins, il-Baħrija. It-trasport jitlaq minn ħdejn l-iskola fid-8:45am**.** Ħlas huwa ta' €8 li jinkludi trasport, te jew kafe.





## *Ħsieb fuq il-Madonna*

***Ara ma naħsbux***
***li nkunu qed innaqqsu mill-glorja lill-Iben***
***bil-foħrija kbira li nagħtu lill-Ommu Marija.***
***Aktar ma nagħti ġieħ lil Marija,***
***aktar il-glorja ta' Binha.***

***San Bernard.***

***Marija, ma jistħoqqlix li nissejjaħ ibnek, imma naf li għaliex inti ommi, xorta tibqa tħobbni.***

***Aħfirli Ma, jekk nonqsok.***

